Tribunal Industrijali

Decizzjoni Parzjali Numru 2058

Kaz Numru 2752/MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Antoine Portelli

U

Smart City Malta Limited

Dwar allegazzjoni ta' tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Illum 21 ta' Frar 2011

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors mibghut lit-Tribunal Industrijali datata 21 ta' Jannar 2010 mill-Avukat Dr. Andrew Borg Cardona fejn talab li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali.

Antoine Portelli maghruf bhala l-appellant kien assistit mill-Avukat Dr. Andrew Borg Cardona u ghall-Kumpanija Smart City Malta Limited dehru l-Avukati Dr. George Hyzler u Dr. Karl Briffa.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant iddikjara li huwa kien impjegat tas-socjeta intimata fil-kariga ta' Finance Director u rrizenja mill-kariga tieghu minhabba agir da parte tal-intimat li jikkostitwixxi Constructive Dismissal.

Is-socjeta fl-istqarrija taghha issolevat zewg eccezzjonijiet ta' natura preliminajri u fil-mertu qedgin jikkontestaw it-talba ghax l-esponenti kien qieghed jikser il-policies u l-proceduri interni.

It-Tribunal ghandu ghalissa biex jiddeciedi it-tieni eccezzjoni dwar jekk l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-artiklu 75(A) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehed Antoine Portelli fejn spjega li ghalkemm ta' l-ittra tar-rizenja tieghu bid-data tal-ghaxra ta' Settembru u qieghda tirreferi li r-rizenja kellha tkun fis-16 ta' Settembru kien fadallu xahar leave u hu kien ufficjalment impjegat sal-ahhar tax-xahar ta' Settembru u fil-fatt thallas il-paga sal-ahhar ta' Settembru in full bil-social security u taxxa mhallsin sal-ahhar ta' Settembru. Bhala fatt dahal l-ahhar ix-xoghol fis-sittax ta' Settembru. Giet ipprezentata kopja tat-tieni e mail mibghuta minn Antoine Portelli datat 10 ta' Settembru 2009 fejn speja lill-Nasser Khalifeh li ghalkemm qieghed jirrizenja fis-16 ta' Settembru 2009 l-ahhar gurnata ufficjali ser tkun it-tletin ta' Settembru 2009.

Xehedet Jennife Debono bhala rapprezentant tal-ETC fejn ezebiet e mail tat-terminazzjoni tal-Impjieg ta' Antoine Portelli mibghuta on line fejn juri li it-termination date hija dik indikata bhala 30 ta' Settembru 2009 u din intbghatet minn rapprezentant tas-socjeta intimata.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li l-esponenti bghat e mail fejn spejga li qieghed jittermina x-xoghol tieghu fis-sittax ta' Settembru 2009 u ftit minuti wara bghat e mail ohra fejn spjega li ghalkemm l-ahhar gurnata hija is-sittax ta' Settembru 2009 huwa qieghed jispicca fit-tletin ta' Settembru 2009. Ghalkemm wiehed ma jistenniex dan l-agir minn bniedem li ghandu certu professjonalita fix-xoghol tieghu meta bghad it-tieni e mail zgur li ma kienx qieghed jigi kontemplat xi pjan sabiex jiggustifika l-preskrizzjoni ta' erba xhur ghax l-e mail intbghatet fl-10 ta' Settembru 2009. Pero hija inaccettabli li wiehed jilghab bid-dati tat-terminazzjoni tal-impjieg. Pero tenut kont tal-prova tal-e mail mibghuta lill-ETC fejn

qieghed jigi stipulat illi d-data tat-terminazzjoni tal-impjieg hija t-tletin ta' Settembru 2009 dan it-Tribunal ma jistax ma jikkonkludiex li din effettivment kienet id-data li fih ix-xoghol tal-esponenti gie terminat minnu stess. Li kieku d-data fuq l-ETC form kienet differenti jigifieri 16 ta' Settembru 2009 dan it-Tribunal kien ikollu jidhol aktar fil-fond dwar id-decizzjoni tieghu pero huwa kkonfortat bil-fatt li s-socjeta intimata accettat u kkonfermat li l-esponenti spicca x-xoghgol tieghu fit-30 ta' Settembru 2009 minkejja d-diversita tal-e mails tieghu stess.

It-Tribunal jinnota li Antoine Portelli waqaf milli jidhol ghax-xoghol wara is-sittax ta' Settembru 2009 u ma kellu ebda intenzjoni li jidhol wara din id-data pero spjega li kien ghad fadallu ghaxart ijiem leave u ghalhekk kien impjegat sat-30 ta' Settembru 2009. Fuq dan il-punt it-Tribunal mhux ser jikkommenta.

**Decizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddeciedi billi jichad dan it-tieni eccezzjoni tas-socjeta intimata billi jiddikjara illi ma ghaddewx l-erba' xhur preskrizzjoni ai termini tal-Artiklu 75() tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta u jordna l-prosegwiment tal-kawza.

Dr. Martin Fenech
Chairman

Vince Micallef
Segretarju

Vera Kopja

Vincent Micallef
Segretarju